Din il-ġrajja ta' tkexkix nisslet bħal star ta' biża' li baqa' jgħatti qisu ċpar lil dak it-torri. Donnhom l-ewrieħ il-ħżiena ta dawk in-nies kiefra li temmew din il-ġrajja, kull filgħaxija joħorġu mill-infern u jinġabru hemm biex itennu l-għamil faħxi tagħhom u jistaħmu fis-saħta li laħqithom.

## L-ANĠLI TAL-ĦNIENA

*Ta'* Ġużè' Cardona

*(Riflessjonijiet dwar l-Isptar San Luqa)*

*Lit-Tobba, Sorijiet, u Infermieri u Morda tas-Sala M.S.1.*

Fuq l-għolja tan-niket,
Fuq l-għolja tad-demm,
Ġie mkaxkar **Bin Alla**
Biex debħaTU jtemm.
Imdawwar bid-dnewwa
Tal-ġemgħa kefrin
Sab miegħu lil **Ommu,**
Lil Disma, lil Ġwanni,
Lin-nisa twajbin.

Fuq għolja oħra li tgħbor il-hemm,
In-niket ta' Gżiritna, mard u semm,
L-għonja jittiehdu, foqra, kbar u żgħar:
Uħud mifnija, oħrajn maħruqin;
Xi ftit imtertqa, xi ftit mitlufin
Taħt l-eqqel weġgħa; xi tnejn imsabbrin
Li jiksbu s-saħħa u jħaffu t-tigrib;
Taħt is-sikkina ta' l-egħref tabib
Kulħadd jittama li jħeff is-salib
Tad-dwejjaq tal-ħajja u s-sliem isib.

'Ma kemm fin-niket jinsew li d-dmugħ
Jista' jressaqhom lejn **Alla Mislub;**
Bis-sabar jissaffu w il-ħtija ddub!
U mhemmx għalfejn jisblu jew jistħu l-hemm,
Hemm ċkejken jekk tqabblu ma' dak ta' **Fuq.**



Għax jekk sew tqabbel il-qagħda tat-**Tnejn.**
Min bata l-iżjed is-**Sid** jew il-Qaddej?
**Is-Sid** imgħajjar u mogħti l-imrar —

Mgħasses il-**bniedem** bi ħniena fl-isptar;
**Is-Sid** imtertaq u minfud bl-azzar —
Imdewwi l-**bniedem** taħt l-ibjad liżar;
**Is-Sid** imħares minn żbirri bla qalb —
U ħdejn il-**bniedem,** bħal **Anġli** tal-**Ħniena,**
It-tobba s-soru man-nurses għaqlin
L-imsejkna jqawwu bid-duwwa u bit-talb.

Għalkemm il-bniedem ċaħad lill-**Mulej**
U ħajtu fassal bla mistħija w lġiem
U gwerer ħejja ta' ħsara bla tmiem
Qatt, qatt, ma ċaħdu, mis-**Sema l-Missier.**
Bi ħniena divina tisboq il-kliem
Il-kloroformju **tah**, oppju u morfin,
Wisq antisettiċi u l-penicillin,
Il-kortisone, l-istreptomicin.
**Għalih** il-ħajja biss, żamm il-Mulej
Biex wara s-snin tal-prova tkun it-triq
Għal ħajja mdawla isbaħ u bla tmiem.

Għalhekk fuq l-għolja ta' l-**Isptar Ewlieni,**
Dik l-għolja mħarsa minn ta' l-anġli l-ħniena
Nilmaħ lil Sidtna, lil Ġwann u lil Disma
Lil Morda iwennsu — ix-xbihat ta' **Kristu,**
U dieqa tqila li nħossu spiss għal **Ibni**
Nħossha tonqos waqt li s-sliem jimlieni.

(22 ta' Lulju 58. *Fiż-żmien li jbierku l-Isptar*).

## MISKIN!

*Ta'* C. Cassar

Ix-xiħ li jidra jrekken ġo karusu
Biex jonfoq ħabba jħoss reqqet-ir-ruħ,
In-nefqa jnaqqas iktar milli jista'
Sa fl-aħħar jasal biex imut bil-ġuħ.